A.L. 122 ta' l-1989

## ATT LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG (KAP. 135)

### Ordni ta' l-1989 li Jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għas-Servizz Domestiku biex Jirregola l-Pagi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tal-Politika Soċjali, wara li rċieva proposti mill-Kunsill tal-Pagi għas-Servizz Domestiku dwar il-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' l-impjegati li għalihom japplika l-imsemmi Kunsill tal-Pagi, għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

A.L. 7 ta' l-1976.

**1.** (1) Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1989 li Jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-pagi għas-Servizz Domestiku biex Jirregola l-Pagi u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-1976 tal-Kunsill tal-pagi għas-Servizz Domestiku biex Jirregola l-pagi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

(2) Dan l-ordni għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Novembru, 1989.

Jemenda il-paragrafu 3 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

**2.** Fil-paragrafu 3 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali minnufih wara l-kliem "fi kwalunkwe ġurnata", għandhom jidħlu l-kliem "iżda mhux iktar minn 44 siegħa fi kwalunkwe ġimgħa, u dan sat-28 ta' Frar, 1990, u 40 siegħa wara dik id-data,".

Jemenda il-paragrafu 4 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

**3.** Il-paragrafu 4 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (a) tiegħu minflok il-kliem "Lm4.48,0" u l-kliem "59c" għandhom jidħlu l-kliem "Lm4.98" u l-kliem "66c" rispettivament;

(b) fis-subparagrafu (b) tiegħu minflok il-kliem "Lm4.65,0" u l-kliem "61c" għandhom jidħlu l-kliem "Lm5.15" u l-kliem "68c" rispettivament; u

(ċ) fis-subparagrafu (ċ) tiegħu minflok il-kliem "Lm4.73,0" u l-kliem "64c" għandhom jidħlu l-kliem "Lm5.23" u l-kliem "71c" rispettivament.

Jemenda il-paragrafu 5 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

**4.** Fis-subparagrafu (1) tal-paragrafu 5 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali, minnufih wara l-kliem "fi ġranet normali" għandhom jidħlu l-kliem "u għall-ħin kollu ta' xogħol maħdum għal aktar minn 44 siegħa fi kwalunkwe ġimgħa, u dan sat-28 ta' Frar, 1990, u għall-ħin kollu ta' xogħol maħdum għal aktar minn 40 siegħa wara t-28 ta' Frar, 1990".

Jemenda il-paragrafu 6 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

**5.** Fl-ewwel proviso għas-subparagrafu (d) tal-paragrafu 6 ta' l-Iskeda li tinsab ma l-ordni prinċipali, minflok il-kliem "Lm17.90,0", "Lm4.13,0" u "69c", għandhom jidħlu l-kliem "Lm20.76", "Lm4.79" u "80c" rispettivament.

Jissostitwixxi l-paragrafu 9 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

**6.** Minflok il-paragrafu 9 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Leave għal Vaganza.

9. (1) b'żieda mal-anqas mistrieħ fil-ġimgħa li jistgħu ikunu intitolati għalih impjegati *whole-time* skond il-paragrafu 8, impjeagti *whole-time* għandhom jedd għall-Festi Nazzjonali u għall-btajjel pubbliċi kollha b'paga sħiħa, u għal dan il-*leave* għal vaganza li ġej li ma jkunx inqas minn—

(a) erba' ġimgħat tax-xogħol u jum wieħed tax-xogħol matul is-snin kalendarji 1988 u 1989;

(b) erba' ġimgħat tax-xogħol u jumejn tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1990;

(ċ) erba' gimgħat tax-xogħol u tlett ijiem tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1991;

(d) erba' ġimgħat tax-xogħol u erbat ijiem tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1992 u matul kull sena oħra kalendarja li tiġi wara:

Iżda meta impjegat *whole-time* ikun ilu impjegat għal inqas minn tnax-il xahar matul xi sena kalendarja, ikollu jedd għal dik il-parti tal-*leave* għal vaganza msemmi skond ma jkun il-proprzjon tan-numru ta' xhur li jkun ilu fl-impieġ.

(2) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "*leave* għal vaganza" tfisser *leave* bi ħlas li jista' jittieħed f'jiem miftehmin bejn prinċipal u impjegat, b'dan illi jum wieħed *leave* għal vaganza matul l-1988 u 1989, jumejn *leave* għal vaganza matul l-1990, tlett ijiem *leave* għal vaganza matul l-1991 u erbat ijiem *leave* għal vaganza matul l-1992 u matul kull sena oħra kalendarja li tiġi wara ma jkunux jagħmlu parti minn xi *shutdown* u għandhom jingħataw mill-prinċipal bħala *leave* li jittieħed b'għażla b'żieda ma' kull *leave* li jittieħed b'għażla li l-impjegat seta' kellu jedd għalih fid-9 ta' Novembru, 1988.".

Jemenda il-paragrafu 10 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

**7.** Fil-paragrafu 10 ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "ikunu ntitolati għal sebat ijiem *leave* għall-mard bil-ħlas f'kull sena kalendarja:" għandhom jidħlu l-kliem "ikunu intitolati għal-erbatax-il jum *leave* għall-mard bil-ħlas f'kull sena kalendarja nieqes kull benefiċċju għal mard li jistgħu ikunu intitolati għalih skond l-att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali:".

Jemenda il-paragrafu 11 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

**8.** Fil-paragrafu 11 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali minflok il-kelma "xahar" għandha tidħol il-kelma "sena", u minflok il-kliem "l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali".